MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 350/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Arthur Mercieca)**
**Vs**
**Robert Farrugia**
**Wallace Hayman**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati [Robert Farrugia detentur tal-karta tal-identita` numru 159170(M) u Wallace Hayman detentur tal-karta tal-identita` numru 389371(M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
nhar it-23 ta' Lulju 2011 ghal habta ta' 4.00 am gewwa Zurrieq attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjaw, gheddew u ghamlu offiza fuq il-persuna ta' l-Ispettur Carlos Cordina u PC1114 M. Hili, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jghamlu jew minhabba li kienu qed jghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi naqsu milli jobdu l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-Pulizija

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kisru il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kienu fis-sakra b'mod li ma kienux jistghu jiehdu hsieb taghhom infushom.

Wallace Hayman wahdu gie akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa Zurrieq volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal Euro 163 arlogg tal-id ghad-dannu tal-Ispettur Carlos Cordina.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Lulju, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 95, 96, 338(ee), 338(dd), 338(ff) u fil-konfront ta' l-appellant Wallace Hayman ukoll l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellanti hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u kkundannat lill-appellant Robert Farrugia ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija u lill-appellant Wallace Hayman ghal seba` (7) xhur prigunerija izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni

tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dan il-perjodu ta’ prigunerija gie sospiz ghal zmien sena.
Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 8 tal-Kapitolu 77 ordnat li l-kundanna imposta fuq il-hatja ma tigix imnizzla fuq ic-certifikat tal-kondotta taghhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-9 ta’ Awissu, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija kontra Robert Farrugia u Wallace Hayman u thassaraha w tirrevokaha f’dik il-parti fejn il-Qorti applikat il-piena w tinfliggi kontra l-appellati l-piena ta’ prigunerija effettiva skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali erogat piena li tmur kontra gurisprudenza konstanti tal-Qrati li fejn si tratta ta’ vjolenza fuq il-persuna l-piena ghandha tkun ta’ prigunerija b’effett immedjat u dan aktar u aktar fejn si tratta ta’ ufficjal tal-Pulizija.

Rat ir-risposta tal-appellat Robert Farrugia li ssottometta li l-premessa tal-Avukat Ġenerali li għandha tingħata piena karċerarja effettiva ma tapplikax għal dan il-każ. Filfatt kien hemm persuni oħra li oġġezzjonaw għal dak li kienu qed jagħmlu l-Pulizija. Kien hemm xi nies li allegaw li Wallace Hayman kien qed jissawwat mill-pulizija. L-istess appellat Farruiga għen lill-Pulizija billi kkwieta lin-nies l-oħra. L-istess appellant ċempel l-għassa u talab skuża.

Punt kruċjali f'dan l-inċident hu ma tirriżulta ebda ferita. Il-vjolenza msemmija fil-każijiet ċitati mill-Avukat Ġenerali dejjem wasslet għal xi feriment. F'dan il-każ dan ma ġarax u lanqas hemm akkuża dwar dan.

Għalhekk il-ġudikant tal-Ewwel Qorti uża d-diskrezzjoni lilu mogħtija mil-liġi abbażi tas-sottomissjonijiet orali li saru quddiem l-istess qorti. L-appellat Robert Farrugia għamel ammissjoni bikrija quddiem il-Qorti u s-sentenza mogħtija kienet fil-parametri tal-liġi.

Semgħet lill-Ispettur Arthur Mercieca jikkonferma bil-ġurament li l-piena suġġerita kienet piena karċerarja mhux effettiva, jiġifieri li tingħata sentenza sospiża. Iż-żewġ imputati kienu kkoperaw bis-sħiħ mal-pulizija anke waqt l-istqarrija tagħhom. Kienu ammettew fi stadju bikri u kien ddispjaċihom minn dak kollu li għamlu. Kien hemm xi danni ta' ħsara fuq arloġġ li tħallsu wkoll. Għalhekk il-Prosekuzzjoni ma kenitx oġġezzjonat illi l-imputati jingħataw sentenza sospiża.

Fil-kontro-eżami l-Ispettur Mercieca qal li l-Prosekuzzjoni ma kienet għamlet ebda nota li ssir qabel il-preżentazzjoni tal-appell. Lanqas kienu kkonsultaw mal-Avukat Ġenerali qabel dwar il-piena qabel ma ngħatat is-sentenza għax kien tmiem il-ġimgħ u lanqas wara li ngħatat. Il-Korp tal-Pulizija ma kien sofra ebda danni u d-danni li tħallsu kienu dovuti lill-Ispettur Carlos Cordina.

Ikkonsidrat

Il-Qorti fliet bir-reqqa ż-żewġ stqarrijiet tal-appellati. Jirriżulta li Robert Farrugia stess, għalkemm għal mument tilef rasu, beda jibgħat in-nies lejn id-dar għax kienu qed itellfu lill-pulizija fix-xogħol tagħhom. Kien hu stess li ċempel l-għassa u talab apoloġija u reġa' skuża ruħu għal darbtejn oħra matul l-istqarrija. Xi persuni kienu qed jgħidu l-Pulizija kienu qed isawtu lil Wallace Hayman meta dan ma kienu veru xejn.

Min-naħa l-oħra Wallace Hayman qal li hu ma kienx aggressiv mal-Pulizija. Huwa kien rġa' dieħel lura fil-

ħanut meta spettur ħafu u imbuttah. Aktar tard kien mar l-għassa sabiex jiskuża ruħu. Huwa ma kienx hedded lill-Pulizija. Huwa riedx joħroġ mill-ħanut għaliex kien għadu kif daħal u xtaq jieħu drink tal-aħħar. Huwa la kien kisser fliexken u lanqas għolla mwejjed.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Dan huwa appell dwar il-piena intavolat mill-Avukat Ġenerali. Il-Qorti tagħmilha ċara li l-Pulizija jridu jkunu protetti waqt li jkunu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom u ħadd m'huwa skużat – tkun xi tkun ir-raġuni – li jhedded li xi uffiċjal tal-Pulizija jew li b'xi mod iweġġgħu.
**Ordni tal-Pulizija għandha tkun obduta mal-ewwel u għandu jintwera rispett lejn kull uffiċjal dejjem u kullimkien. Dan ir-rispett għandu jidher b'mod l-aktar ċar u enfatiku f'sitwazzjonijiet fejn tkun daħlet imqar naqra tensjoni – tista' tkun logħba futbol jew ċelebrazzjoni waqt festa. L-artikoli 95 u 96 tal-Kap 9 jgħoddu għal kwalunkwe post u żmien u dawn l-artikoli qatt u fl-ebda okkażjoni m'hemm sospensjoni tagħhom.**

Huwa tassew li fl-inċident il-Pulizija ma sofrew l-ebda ferita iżda dan ma jfissirx li l-artikoli 95 u 96 għandhom jitqiesu biss meta jkun hemm il-feriti. **Anzi dawn l-artikoli huma intiżi sabiex wieħed joqgħod attent imqar jekk biss jgħaddilu minn moħħu li jaffronta l-Pulizija.**

Wara li ngħad dan kollu, il-Qorti qed tqis ċerti fatturi li dehru f'dan il-każ:

(i) l-ammissjoni kmieni taż-żewġ appellati;
(ii) il-ħlas immedjat tad-danni li sofra l-uffiċjal;
(iii) li l-appellat Farrugia talab lin-nies biex jikkoperaw mal-pulizija, ukoll jekk f'xi ħin tilef rasu;
(iv) li l-appellat Wallace Hayman għandu fedina penali nadifa għal kollox, nnega li huwa kien b'xi mod hedded lill-Pulizija u żied jgħid li ma kisser u ma għolla ebda mejda;
(v) li, waqt is-smigħ tal-kawża, l-Prosekuzzjoni qablet ma' piena karċerarja li kellha tkun sospiża.

Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Qorti qed tqis li l-Ewwel Qorti użat id-diskrezzjoni tagħha fil-quantum u t-tip ta' piena korrettement. Min-naħa l-oħra l-Ewwel Qorti ordnat li din il-piena ma titniżżilx fil-fedina penali, wara li rat l-artikoli 8 tal-Kap 77. Dan l-artikolu jgħid hekk:

*'8. B'dak kollu li jingħad f'din l-Ordinanza, il-qorti tista', meta tagħti s-sentenza, jew f'kull żmien wara, fuq talba tal-persuna misjuba ħatja* ***u wara li tisma' l-Avukat Ġenerali,*** *tordna li l-kundanna ma tiġix imniżżla fiċ-ċertifikat tal-kondotta, f'dawn il-każijiet:*

*(a) jekk il-persuna ikkundannata tad-delitt ma jkollhiex wieħed u għoxrin sena fiż-żmien li tkun għamlet id-delitt;*

*(b) jekk, meta jittieħed qies tax-xorta tad-delitt, taċ-ċirkostanzi li fihom ġie magħmul, u tal-kondotta tal-persuna ikkundannata, il-qorti jidhrilha li hu sewwa li għandha hekk tordna'.*

Dan l-artikolu jistipola li l-Qorti għandha tisma' x'għandu xi jgħid l-Avukat Ġenerali dwar jekk sejbien ta' ħtija għandux jitniżżel fuq ċertifikat tal-kondotta. Ma jirriżultax mill-atti li instema' l-Avukat Ġenerali. Għalhekk l-ordni biex il-kundanna ma tkunx imniżżla ma setgħetx issir.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti għalhekk qed tirriforma s-sentenza tal-24 ta' Lulju 2011 kif ġej: (i) billi tikkonfermha fejn sabet ħtija u fejn ikkundannat lil Robert Farrugia għal perjodu ta' sitt xhur priġunerija u lil Wallace Hayman għal seba' xhur priġunerija iżda li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 dan il-perjodu għandu jibqa' sospiż għal sena mid-data ta' din is-sentenza; u (ii) billi tirriformaha u tħassarha f'dik il-parti fejn ordnat li l-kundanna imposta fuq il-ħatja ma tiġix imniżżla fuq iċ-ċertifikat tal-kondotta tagħhom u minflok tordna li għandha tidher fil-kondotta sakemm ikun nstema' x'għandu jgħid l-Avukat Ġenerali.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------